A.L. 39 tal-2011

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TAL-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Drittijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 64 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar is-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dwar ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Drittijiet) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Drittijiet), hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S 403.04

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 2011.

Jemenda ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. (1) Minnufih wara t-tifsira "ċellula" fis-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċellula inkorporata" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar *Incorporated Cell Companies Carrying On Business Of Insurance* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji;". L.S. 386.13

(2) Minnufih wara t-tifsira "kumpannija ċellulari" għandhom jiżdiedu dawn it-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "kumpannija ċellulari inkorporata" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar *Incorporated Cell Companies Carrying On Business Of Insurance* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji; L.S. 386.13

"kumpannija mhux ċellulari inkorporata" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar *Incorporated Cell Companies Carrying On Business Of Insurance* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji;". L.S. 386.13

Żjieda ta' regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:

"Drittijiet pagabbli minn kumpanniji ċellulari inkorporati u ċelluli inkorporati.

L.S. 386.13

10. (1) Meta skont ir-Regolamenti dwar *Incorporated Cell Companies Carrying On Business Of Insurance* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji, applikazzjoni tkun magħmula minn:

(a) kumpannija li tkun, meta mwaqqfa jew kostitwita, awtorizzata jew, meta mibdula, awtorizzata tiġġestixxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni bħala kumpannija ċellulari inkorporata jew ċellula inkorporata skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Att; jew

(b) kumpannija ċellulari inkorporata li ma jkollha ebda ċellula jew ċellula inkorporata li tkun, meta mibdula, kumpannija mhux ċellulari inkorporata awtorizzata biex tiġġestixxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni,

l-applikant għandu jħallas lill-Awtorità id-drittijiet applikabbli skont ir-regolament 3.

(2) Meta r-rendikonti tal-kummerċ tal-assigurazzjoni ikunu miġjuba 'l quddiem taħt l-artikolu 32 tal-Att minn kumpannija ċellulari inkorporata u ċellula inkorporata, il-kumpannija ċellulari inkorporata u ċellula inkorporata għandha tħallas lill-Awtorità d-drittijiet stabbiliti bir-regolamenti 4 u 5, kif applikabbli.

L.S. 386.13

(3) Meta applikazzjoni, skont ir-Regolamenti dwar *Incorporated Cell Companies Carrying On Business Of Insurance* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji, tkun magħmula minn kumpannija ċellulari inkorporata li ma jkollha l-ebda ċellula inkorporata li tkun, meta mibdula, awtorizzata bħala kumpannija ċellulari, il-kumpannija għandha tħallas lill-Awtorità d-drittijiet speċifikati fir-regolament 8.".